KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Tlieta u Tmenin (83)*

***It-Tlieta, 3 ta' Lulju, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm). Il-Membri tal-Kunsill kollha qablu li d-data tal-laqgha ghandha tkun it-3 ta' Lulju 2018.

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Hadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**83.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

83.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

83.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 82 li nzammet nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2018.

83.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 82 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

83.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 82. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 82 gew approvati unanimament.

**83.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

*A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 83/2018 – Gunju 2018*

83.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 83-2018 biċ-ċekkijiet numru 6112 sa 6149 li tammonta €19,146.66

83.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 83-2018 bl-ammont ta' €19,146.66
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

83.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 82-2018 giet approvata unanimament.

**83.4 <u>Aggudikazzjoni tat-Tender GHLC/T/03/2018: Upgrading of Access Roads in Ghaxaq (Measure 4.3)</u>**

83.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport tat-Tenders taht il-Mizura 4.3 fejn kienet maqsuma f'zewg *lots*.

83.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li ghal-Lot 1 ( Triq Carmelo Rosario Dimech) l-orhos offerta hija ta' Bonnici Bros. ghas-somma ta' €66,754.13 filwaqt li ghal-Lot 2 (Triq Has-Saptan) l-orhos offerta hija ta' Polidano Bros. ghas-somma ta' €105,918.12

83.4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li jekk jintaghzlu l-orhos zewg offerti li gew mitfugha, dawn se jkunu qed jaqbzu il-*budget* ghal dan il-progett bi kwazi €13,000.

83.4.4 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li japprova l-orhos zewg offerti imnizzla fir-rapport, dawk indikati fil-materja 83.4.2 Il-Kunsill qabel unanimament.

83.4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li t-talba sabiex tiggedded id-data sabiex jitlesta l-progett giet imgedda ghall-14 ta' Dicembru 2018.

**83.5 <u>Korrispondenza</u>**

83.5.1 Tressqet korripondenza dwar il-laqghat li se jsiru mir-Regjun Nofsinhar dwar fondi disponibbli mill-Kunsill tal-Arti. Dawn se jsiru nhar l-Erbgha 18 ta' Lulju 2018 fis-6.30pm. Il-Kunsilliera Rose Agius flimkien mal-Kunsilliera Miriam Schembri se jattendu ghal-laqgha.

83.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza dwar kontijiet pendenti minghand il-Perit tal-Kunsill li jmorru lura ghas-snin 2012-2014. Il-Kunsill qabel li dawn jithallsu kollha u jitlob lill-Perit biex jirrevedi l-Invoice ME17065(Bill 1).

83.5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet dwar id-deposits tal-gabbani fil-festa ta' San Guzepp. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li jinghataw lura d-deposits. Rigward il-festa ta' Santa Marija kellna talba sabiex l-i*stands* tat-toys jitpoggew fi Triq G.M.Farrugia. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li fuq naha tat-triq jitpoggew l-i*stands* tal-ikel, filwaqt li faccata jitpoggew tat-*toys* bil-kundizzjoni li ma jithalla l-ebda *generator* man-naha tar-residenti.

83.5.4 Tressqet korrispondenza rigward *invoices* minghand *Surveyer* dwar xoghlijiet li gew ordnati mis-Sindku. L-ammont ta' dawn l-*invoices* huwa ta' €2419. Il-Kunsill approva li jithallsu.

83.5.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-isem ghal Sqaq il-Gilju li jinsab fi Triq Santa Marija gie ppublikat fil-gazzetta tal-Gvern u ghaldaqstant gie approvat.

83.5.6 Tressqet korrispondenza dwar kors li se jsir mill-AKL dwar is-sistema tal-EPPS. Is-Sindku Darren Abela, il-Kunsilliera Rose Agius, il-Kunsillier Keith Fenech u l-Kunsilliera Miriam Schembri ikkonfermaw li se jattendu.

83.5.7 Tressqet korrispondenza minghand l-Ghaqda Muzikali San Guzepp rigward talba sabiex isir mafkar fi Pjazza San Filippu. L-Ghaqda qed titlob li l-Kunsill jaghmel il-permessi neccessarji sabiex titwessa ic-*central strip* li hemm fil-Pjazza u tigi rilokata is-sigra li hemm. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li l-proposta titressaq ghall-approvazzjoni u ghandhom jintalbu l-qisien tas-*central strip* kif proposta.

83.5.8 Tressqet korrispondenza dwar il-laqgha Generali Annwali tal-GAL Xlokk. Il-Kunsillier Keith Fenech ikkonferma li se jattendi.

83.5.9 Tressqet kwotazzjoni dwar barrier sabiex titpogga fi Triq ic-Cimiterju fejn il-prezz taghha hija ta' €1032.50. Il-Kunsill qabel li jgib stima ohra minghand xi hadd iehor.

83.5.10 Tressqet ukoll kwotazzjoni ohra sabiex isiru 2 arbli fi Triq ic-Cimiterju, l-ispiza minghand l-Enemalta hija ta' €1199. Il-Kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni ohra.

83.5.11 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex issir CCTV camera fejn il-monument tal-annimali. Il-Kunsill qabel li japplika ghall-*meter* tad-dawl li jitpogga fit-Turretta u wara ssir il-camera fejn jitpogga anki id-DVR.

83.5.12 Tressqet korrispondenza minghand in-*nursery* sabiex tigi rrangata iz-zona ta'magenb il-*ground.* F'din il-korrispondenza qed jintalab li titnaddaf l-ghalqa, isir passagg tal-konkos, tinghalaq bil-*fence* u ssir *stand* zghira. Il-Kunsill qabel li jgib kwotazzjoni sabiex titnaddaf l-ghalqa. U ngibu stimi sabiex isir ix-xoghol.

**83.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

83.6.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-applikazzjoni ta' zvilupp tal-Palazzo Giannini u rigward il-korripondenza li ntbaghtet mill-Moviment Flimkien ghal Ambjent Ahjar. Il-Kunsill qabel li jibqa jzomm l-istess pozizzjoni li huwa kontra kull zvilupp fil-parti skedata tal-gnien.nzommu l-istess pozizzjoni

83.6.2 Is-Sindku Darren Abela informa lil Kunsill li z-zona fi Triq G.Demicoli tnaddfet u ngabar l-iskart goff kollu. Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-*camera* li hemm fl-istess triq tigi mdawra biex iz-zona ta' fejn jarmu hafna skart goff tigi sorveljata bil-*cameras*.

83.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li waqt il-festa kellu bzonn servizz extra ta' knis u kellem lill-kennies li kellu l-Kunsill qabel. Dan minflok hlas talab li jiehu zewg *pools* li l-Kunsill kien xtara fis-snin precedenti biex jintuzaw ghas-summerschool li kien jorganizza l-Kunsill u li llum m'ghadhomx jintuzaw. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li bhala hlas jaghtih zewg *pools*.

83.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qieghed jaghmel laqgha mal-Meusec sabiex il-Kunsill jorganizza xi gemellaggi.

83.6.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar applikazzjoni tal-PA sabiex jitpogga Billboard fit-Triq tal-barrani. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joggezzjona minhabba li dan jista jkun ta' ostaklu ghas-sewwieqa. Dwar dan il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

83.6.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titranga l-bankina fi Triq il-Qattus, in-naha ta' Brownrigg.

83.6.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li fi Triq Dun Mattew Scriha titwahhal tabella li tindika d-direzzjoni ghal Ghaxaq Centru u Ghaxaq Bypass.

83.6.8 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkellem lill-haddiema tar-Regjun sabiex itellghu zewg filati fuq il-hajt li hemm fi Triq il-Gistakor.

83.6.9 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar ir-restawr tal-iStatwa ta' Santa Marija, fejn wara li harget Darren qal li saret minn naha tal-Kunsill wara li applika ghar-restawr.

**83.7 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri</u>**

83.7.1 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar il-gebel li hemm fi Triq il-Qattus u ppropona li dan ghandu jitnehha minhabba inkonvenjenza. Is-Sindku Darren Abela informa li fil-jiem li gejjin se jigu haddiema tar-Regjun biex juzaw dak il-gebel u jittella' l-hajt b'zewg filati.

83.7.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li hemm bzonn jitrangaw il-wires tal-Enemalta li hemm imdendlin fi Triq il-Belt Valletta, minhabba li kull darba li jaghmel ir-rih il-wires jispiccaw ma l-art u jkun hemm periklu kbir. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li dawn se jigu rrapurtati.

**83.8 <u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss</u>**

83.8.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta , 31 ta' Lulju 2018 fil-5:30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-7.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |